

32005D0105

L 33/74

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

5.2.2005

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-3 ta' Frar 2005****li tawtorizza lill-Iżvezja tuża s-sistema stabbilita mit-Titolu I tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 li tiegħu post l-istħarriġ statistiku dwar il-bhejjem bovini***(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 194)***(It-test bil-lingwa Żvediża biss huwa awtentiku)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2005/105/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/24/KEE ta' l-1 ta' Ġunju 1993 dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jsir fil-qasam tal-produzzjoni tal-bovini⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) u (3) tagħha.

Billi:

- (1) It-Titolu I tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1760/2000⁽²⁾ li jstabbilixxi sistema ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni tal-bovini.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/693/KE tagħraf il-karattru operazzjonali tas-sistema Svediża dwar l-informazzjoni dwar il-bovini⁽³⁾.
- (3) Fi qbil mad-Direttiva 93/24/KEE, l-Istati Membri jistgħu, fuq talba tagħhom, ikunu awtorizzati jużaw sorsi ta' informazzjoni amministrattivi minflok l-istħarriġ dwar il-bhejjem bovini sakemm dawn jobdu l-obbligi li tqiegħed id-Direttiva msemmija.
- (4) B'appoġġ għat-talba tagħha tad-29 ta' Ottubru 2003, l-Isvezja tat dokumentazzjoni teknika dwar l-istruttura u l-aġġornar ta' l-informazzjoni msemmija fit-Titolu I tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 kif ukoll dwar il-metodi tal-kalkolu ta' l-informazzjoni statistika.
- (5) B'mod partikolari, l-Iżvezja pproponiet metodi ta' kalkolu sabiex tikseb informazzjoni statistika għall-kategoriji, imsemmija fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/24/KEE, li mhumiex direttament disponibbli fl-informazzjoni msemmija fit-Titolu I tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000. L-Isvezja għandha tiegħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżgura li dawn il-metodi ta' kalkolu jiżguraw il-preċiżjoni ta' l-informazzjoni statistika.

(6) Wara l-eżaminar tad-dokumentazzjoni teknika li taw l-awtoritajiet Svediżi, jirriżulta li t-talba għandha tiġi aċċettata.

(7) Din id-Deċiżjoni hija fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istatistika Agrikola mwaqqfa mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KE⁽⁴⁾.

IDDEĊIDIET HEKK:

Artikolu 1

L-Isvezja hija awtorizzata tibdel l-istħarriġ dwar il-bhejjem bovini stipulata mid-Direttiva tal-Kunsill 93/24/KEE bl-użu tas-sistema ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni tal-bovini msemmija fit-Titolu I tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 sabiex tikseb l-informazzjoni statistika kollha mitluba sabiex ikunu konformi ma' l-obbligi mitluba mid-Direttiva msemmija.

Artikolu 2

Jekk is-sistema msemmija fl-Artikolu 1 ma tibqax operazzjonali jew jekk il-kontenut tagħha ma jippermettix li tinkiseb informazzjoni statistika ta' min jafda fuqha b'mod ġenerali jew dwar ċerti kategoriji ta' bovini, l-Isvezja terġa' lura għas-sistema ta' stħarriġ statistiku għall-evalwazzjoni ta' l-informazzjoni tal-bhejjem bovini jew tal-kategoriji kkonċernati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Iżvezja.

Magħmula fi Brussell, fit-3 ta' Frar 2005.

Mill-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 149 tal-21.6.1993, p. 5.; Direttiva emendata mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) (ĠU L 284 tal-31.10.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 204 tal-11.08.2000, p. 1. Regolament emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' 2003.

⁽³⁾ ĠU L 273 tat-23.10.1999, p. 14.

⁽⁴⁾ ĠU L 179 tas-7.8.1972, p. 1.